31970R1107

15.6.1970 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 130/1

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 1107/70 TAL-KUNSILL

ta' l-4 ta' Ġunju 1970

dwar l-għoti ta' għajnuniet għal trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 75, 77 u 94 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 1965 ([1]) dwar l-armonizzazjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet li jaffetwaw il-kompetizzjoni fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni, u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi l-eliminazzjoni ta' disparitajiet li jistgħu jagħmlu distorsjoni fil-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq tat-trasport hija oġġettiv essenzjali tal-politika komuni dwar it-trasport;

Billi, għal dan il-għan, huwa xieraq li jiġu stabbiliti ċerti regoli dwar l-għoti ta' għajnuna għal trasport bil-ferrovija, bit-toroq u bil-passaġġi ta' l-ilma interni sa fejn din l-għajnuna jkollha x'taqsam speċifikament ma' attivitajiet f'dak is-settur;

Billi l-Artikolu 77 jistqarr li l-għajnuna tkun kumpatibbli mat-Trattat jekk din tissodisfa l-bżonnijiet ta' koordinazzjoni tat-trasport jew jekk jirrappreżentaw rimborż għall-qadi ta' ċerti obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku;

Billi r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1192/69 u (KEE) 1191/69 ([4]) tas-26 ta' Ġunju 1969 jistabbilixxu regoli u proċeduri komuni dwar, rispettivament, ħlasijiet ta' kumpens li jirriżultaw min-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi tal-ferroviji, u kumpens fir-rigward ta' piżijiet finanzjarji li jirriżultaw minn obbligi ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni;

Billi huwa għalhekk neċessarju li wieħed jispeċifika l-każijiet u ċ-ċirkostanzi li fihom l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri ta' koordinazzjoni jew jimponu obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku li jinvolvu l-għoti ta' għajnuna taħt l-Artikolu 77 tat-Trattat li ma jaqgħux taħt ir-regolament hawn fuq imsemmi;

Billi, taħt l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 1965, ħlasijiet minn Stati u awtoritajiet pubbliċi lill-intrapriżi ferrovjarji għandhom isiru soġġetti għar-regoli tal-Komunità; billi l-ħlasijiet magħmula minħabba l-fatt li l-armonizzazzjoni msemmija fl-imsemmi Artikolu 8 tkun għadha ma ġietx imwettqa għandhom ikunu eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jistabilixxu l-poteri ta' l-Istati Membri sabiex jieħdu miżuri ta' koordinazzjoni jew sabiex jimponu obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku li jinvolvu l-għoti ta' għajnuna taħt l-Artikolu 77 tat-Trattat;

Billi, minħabba in-natura partikolari ta' dawn l-ħlasijiet, jidher xieraq, taħt l-Artikolu 94 tat-Trattat, li tiġi stabbilita proċedura speċjali sabiex il-Kummissjoni tiġi informata b'dawn il-pagamenti.

Billi huwa mixtieq illi ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament m'għandhomx japplikaw għal miżuri meħuda minn xi Stat Membri waqt l-implimentazzjoni ta' sistema ta' għajnuna li dwarha il-Kumissjoni diġà tkun, taħt l-Artikoli 77, 92, u 93 tat-Trattat, ippronunċjat ruħha;

Billi huwa mixtieq, sabiex il-Kummissjoni tiġi assistita waqt li hija tkun qiegħda teżamina l-għajnuna mogħtija għat-trasport, li l-Kummissjoni tingħata kumitat konsultattiv li jikkonsisti f'esperti appuntati minn Stati Membri,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Dan ir-regolament għandu japplika għal għajnuna mogħtija fir-rigward ta' trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni, sa fejn din l-għajnuna jkollha x'taqsam speċifikament ma' attivitajiet f'dak is-settur.

L-Artikolu 2

L-Artikoli 92 sa 94 għandhom japplikaw għal għajnuna mogħtija fir-rigward ta' trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

([1]) ĠU 88, ta' l-24.5.1965, p. 1500/65.
([2]) ĠU 103, tat-2.6.1967, p. 2050/67.
([3]) ĠU 178, tat-2.8.1967, p. 18.
([4]) ĠU L 156, tat-28.6.1969, p. 1.

L-Artikolu 3

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1192/69 tas-26 ta' Ġunju 1969 dwar regoli komuni għan-normalizzazzjoni tal-kontijiet ta' intrapriżi ferrovjarji, u tar-regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 tas-26 ta' Ġunju 1969 dwar azzjoni minn Stati Membri dwar l-obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, fuq it-toroq jew permezz ta' passaġġi ta' l-ilma interni, l-Istati Membri m'għandhom la jieħdu miżuri ta' koordinazzjoni u lanqas m'għandhom jimponu obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku li jinvolvu l-għoti ta' għajnuna skond l-Artikolu 77 tat-Trattat ħlief fil-każijiet jew fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

1. Fir-rigward ta' koordinazzjoni tat-trasport:

   (a) fejn forom ta' għajnuna mogħtija lill-intrapriżi ferrovjarji mhux koperti mir-Regolament (KEE) Nru 1192/69 huma intenzjonati bħala kumpens għal piżijiet finanzjarji żejda li dawk l-intrapriżi jġorru b'paragun ma' intrapriżi tat-trasport oħrajn u li jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji ta' normalizzazzjoni elenkati f'dak ir-Regolament;

   (b) sad-dħul fis-seħħ ta' regoli komuni dwar l-allokazzjoni ta' spejjeż ta' infrastruttura, meta l-għajnuna tingħata lil intrapriżi li jridu jġorru spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' l-infrastruttura użata minnhom, waqt li intrapriżi oħrajn m'humiex soġġetti għal piż bħal dan. Waqt li jiġi stabbilit l-ammont ta' għajnuna mogħti b'dan il-mod wieħed għandu jqis l-ispejjeż ta' infrastruttura li mezzi tat-trasport rivali ma jridux iġorru;

   (ċ) fejn l-iskop ta' l-għajnuna huwa li din tippromwovi:

   – riċerka f'sistemi u teknoloġiji tat-trasport iktar ekonomiċi għall-Komunità b'mod ġenerali; jew

   – l-iżvilupp ta' sistemi u teknoloġiji tat-trasport iktar ekonomiċi għall-Komunità b'mod ġenerali; jew

   Din l-għajnuna għandha tiġi ristretta għall-istadju ta' riċerka u żvilupp u ma tistax tkopri l-isfruttar kummerċjali ta' dawn is-sistemi u teknoloġiji tat-trasport;

   (d) sad-dħul fis-seħħ ta' regoli Komunitarji dwar aċċess għas-suq tat-trasport, fejn l-għajnuna hija mogħtija bħala miżura eċċezzjonali u temporanja sabiex telimina, bħala parti minn pjan ta' riorganizzazzjoni, kapaċità eċċessiva li tikkawża problemi strutturali serji, u għalhekk sabiex tikkontribwixxi lejn l-għan li jiġu sodisfatti b'effiċjenza ikbar il-ħtiġiet tas-suq tat-trasport.

2. Fir-rigward ta' kumpens għall-qadi ta' obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku:

   sad-dħul fis-seħħ ta' regoli Komunitarji relevanti, fejn ħlasijiet isiru lil intrapriżi tat-trasport bil-ferrovija, fuq it-toroq jew permezz ta' passaġġi ta' l-ilma interni bħala kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku imposti fuqhom mill-Istat jew minn awtoritajiet pubbliċi u li jkopru jew:

   – obbligi ta' tariffi li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69; jew

   – intrapriżi tat-trasport jew attivitajiet li għalihom dak ir-Regolament ma japplikax.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 75(3) tat-Trattat, il-Kunsill, bis-saħħa ta' maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jemenda l-lista mogħtija fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan l-Artikolu.

L-Artikolu 4

Sad-dħul fis-seħħ ta' regoli Komunitarji adottati taħt l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 1965 u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 u tar-Regolament (KEE) 1192/69, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 ma japplikawx għal ħlasijiet minn Stati u awtoritajiet pubbliċi magħmula minħabba xi nuqqas li tinkiseb l-armonizzazzjoni, kif stabbilit fl-imsemmi Artikolu 8, tar-regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet finanzjarji bejn intrapriżi ferrovjari u Stati, fejn l-iskop ta' din l-armonizzazzjoni jkun li jagħmel dawk l-intrapriżi finanzjarjament awtonomi.

L-Artikolu 5

1. Meta jinfurmaw lill-Kummissjoni, skond l-Artikolu 93(3) tat-Trattat, b'xi pjanijiet sabiex tingħata jew tiġi mibdula xi għajnuna, l-Istati Membri għndhom jgħaddu lill-Kummisjoni kull informazzjoni meħtieġa sabiex tistabilixxi li din l-għajnuna tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna msemmija fl-Artikolu 4 hija eżenti mill-proċedura msemmija fl-Artikolu 93(3) tat-Trattat. Dettaliji ta' dawn il-forom ta' għajnuna għandhom jiġu kommunikati lill-Kummissjoni fil-forma ta' estimi fil-bidu ta' kull sena u sussegwentement, fil-forma ta' rapport, wara t-tmiem tas-sena finanzjarja.

L-Artikolu 6

Qiegħed jiġi stabbilit Kumitat Konsultattiv għall-Kummissjoni; huwa għandu jassisti lill-Kummissjoni fl-eżaminazzjoni tagħha ta' l-għajnuna mogħtija għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni. Il-Kumitat għandu jkollu bħala President tiegħu rappreżentant tal-Kummissjoni u għandu jikkonsisti f'rappreżentanti appuntati minn kull Stat Membru. Notifika ta' mhux inqas minn għaxart ijiem tal-laqgħat tal-Kumitat għandha tingħata u din in-notifika għandha tinkludi d-dettalji ta' l-aġenda. Dan il-perjodu jista' jiġi mnaqqas f'każijiet urġenti. Il-ħidma tal-kumitat għandha tkun soġġetta għall-Artikolu 83 tat-Trattat.

Il-Kumitat jista' jeżamina, u jagħti opinjoni dwar, il-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw l-operat ta' dan ir-Regolament u tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha li jirregolaw l-għoti ta' għajnuna fis-settur tat-trasport.

Il-Kumitat għandu jinżamm infurmat dwar ix-xorta u l-ammont ta' għajnuna mogħtija lill-intrapriżi tat-trasport u, ġeneralment, dwar id-dettalji relevanti kollha li tirrigwarda din l-għajnuna, malli dawn ta' l-aħħar jiġu notifikati lill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 7

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 m'għandhomx japplikaw għal miżuri meħuda minn kull Stat Membri waqt l-implimentazzjoni ta' sistema ta' għajnuna li dwarha l-Kumissjoni diġà tkun, taħt l-Artikoli 77, 92, u 93 tat-Trattat, ippronunċjat ruħha.

L-Artikolu 8

Dan ir- Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar ta' l-1971.

Dan ir- Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-4 ta' Ġunju 1970.

Għall-Kunsill

Il-President

A. BERTRAND